



---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

---

xxxx/xxxx(BUI)

15.6.2020

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 - it-  
Taqsimi III  
(xxxx/xxxx(BUI))

Rapporteur għal opinjoni: Andżelika Anna Możdżanowska

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-baġit tal-UE jkompli jappoġġja l-irkupru, il-konverġenza, it-tkabbir sostenibbli ġust u inklużiv u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u prijoritajiet oħra tal-UE bħall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali u l-iżvilupp reġjonali, l-azzjoni klimatika, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni, is-sigurtà u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li l-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha sfida ġdida u mhux mistennija li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jirreaġixxu għaliha b'mod determinat u jipprovdu soluzzjonijiet fil-livell tal-UE;
2. Ifakkar li l-koeżjoni hija kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri u li bħala politika ewlenija ta' investiment pubbliku se jkollha rwol ewlieni fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni hija bbażata fuq is-solidarjetà u l-għan tagħha huwa li tnaqqas l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali bejn l-Istati Membri u fi ħdan l-UE u r-reġjuni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-programmi mmaniġġjati fil-qafas tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (il-Fondi SIE) jappoġġjaw u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal soluzzjonijiet sostenibbli għal tkabbir ekonomiku, investimenti u kompetittività ġusti u inklużivi, kif ukoll għal kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien ta' kwalità u sikuri għaċ-ċittadini, inklużi l-opportunitajiet indaqs, il-ġustizzja soċjali u n-nondiskriminazzjoni;
3. Jinnota li l-baġit għas-sena 2021 jagħti bidu għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2021-2027 u li għandu jirrifletti l-prinċipji u l-prijoritajiet ta' Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) aġġornat u orjentat mill-ġdid u jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-mitigazzjoni tal-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jqis bir-reqqa r-riżorsi disponibbli, kif ukoll ir-regoli u l-prinċipji baġitarji li mbagħad jiżguraw implimentazzjoni realistika, immedjata u sodisfaċenti;
4. Jissottlinja l-ħtieġa li jiġi pprovdut livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit għas-sena 2021, sabiex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' talbiet mhux imħallsa mill-QFP 2014-2020; jinnota li minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ħafna mir-rifużjonijiet se jsiru fis-snin 2021-2022;
5. Jilqa' l-flessibbiltà msaħħa fil-politika ta' koeżjoni – aktar kofinanzjament, użu tal-fondi tal-UE għal kontra l-kriżi – introdotta f'Marzu u April 2020 u jemmen li din għandha tinżamm ukoll fil-QFP 2021-2027;
6. Jilqa' l-miżuri diġà approvati mill-Parlament Ewropew bħall-estensjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex ikopri l-emerġenzi tas-saħħa pubblika li se jagħmlu disponibbli kważi EUR 800 miljun fl-2020 u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+) li għandhom l-għan li jiprovdu EUR 8 biljun ta' likwidità biex jaċċeleraw sa EUR 37 biljun ta' investiment pubbliku Ewropew, sabiex jiġu meġhuna ċ-ċittadini, ir-reġjuni u l-pajjiżi milquta b'mod qawwi mill-pandemija tal-Coronavirus;
7. Jilqa' r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tas-17 ta' April 2020 li approvat miżuri speċifiċi biex

tiġi pprovduta flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi SIE b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19; jinnota li dan se jirriżulta fl-aċċelerazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom, u għalhekk fi ħtiġijiet akbar tal-approprijazzjonijiet ta' pagament li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-baġit għas-sena 2021;

8. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li ma titlobx lura mill-Istati Membri r-rimborż ta' prefinanzjament imħallas fil-bidu tas-sena iżda mhux utilizzat, jiġifieri l-provvediment li l-Istati Membri ma jkollhomx għalfejn jirritornaw il-fondi li jifdal mill-infiq ippjanat lill-Kummissjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut li tista' tinholq lakuna finanzjarja fil-baġit tal-2020 (il-prefinanzjament jikkostitwixxi d-dħul assenjat għall-baġit tal-UE) u konsegwentement dan jista' jirriżulta fi ħtieġa akbar għal approprijazzjonijiet ta' pagament fil-baġit għas-sena 2021;
9. Jistieden lill-Istati Membri jikkondividu b'mod ċar u determinat il-pjanijiet, l-ambizzjonijiet u l-aspettattivi tagħhom ta' wara l-kriżi u kif ukoll jirrikonoxxu r-rwol kondiviż tagħhom bi tħejjija għal approċċ koordinat tal-UE.